***Kunsill Lokali Ħamrun***
***683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u tmienja u sittin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ħamis 20 t' Awissu 2009 fil-5.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | V/Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Johnaton Abela | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta Minst SMM (UK), MCIM (UK), M.B.A. (Maastricht) | Kunsillier |

Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja kienet skużata.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-mitejn u sebgħa u sittin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-minuti

### *4.1. Tabelli għall-użu ta' arloġġ*

Il-Kunsill iddeċieda li tiżdied nota mat-tabelli eżistenti tal-ħin li tindika l-obligu tal-użu tal-arloġġ.

*4.2. Onorifiċenza*

Dr. P. Mifsud Bonnici nfurmat lill-Kunsill li ġiet avviċinata mis-Segretarjat ta' Dr. Chris Said fejn spjegawlha li l-għola onorifiċenza li jista' jagħti l-Kunsill huwa dak ta' Ġieh il-Lokal. Ġie deċiż li l-Profs. Gwido de Marco jingħata xi ġieħ fl-okkażjoni ta' xi anniversarju.

Fis-5.50pm s-Sur M. Caruana daħal għal-laqgħa.

*4.3. Kuntratt – Collection and Separation of Household and Commercial Waste*

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali organizza laqgħa għas-Segretarji Eżekuttivi fis-7 t'Awissu 2009 fejn ġiet spjegata l-proċedura ġdida għall-ħruġ u aġġudikazzjoni tal-offerta għas-servizz ta' *Collection and Separation of Household and Commercial Waste*.

*4.4 Laqgħa dwar il-Proġett tas-Suq*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien ma' Dr. P. Mifsud Bonnici ltaqgħu ma' residenti tal-viċinanza tal-Proġett tas-Suq. Waqt il-laqgħa ġie ssuġġerit li ssir talba lill-ADT biex is-sidien tal-garaxxijiet ikollhom aċċess minn Triq il-Kbira San Ġużepp u biex jidħalla jsir parkeġġ fit-triq fil-ħinijiet meta ma jkunx qed isir xogħol mill-kuntrattur. Ġie deċiż li ssir talba lill-ADT f'dan ir-rigward u li l-parkeġġ fit-triq issir fuq bażi ta' prova.

*4.5 Youth Exchange: Sports – Alternative for Healty Life*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ma pparteċipawx żgħażagħ mill-Ħamrun fil-*Youth Exchange* minħabba raġunijiet ta' xogħol kif ukoll minħabba li l-*leader* ma kienx ser ikun mill-Ħamrun.

*4.6 Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni - Anniversarju*

Il-Kunsilliera kienu mistiedna għat-tħawwil ta' siġra bħala kommemorazzjoni tat-30 sena Anniversarju nhar is-Sibt 29 t'Awissu 2009 fl-10.00am. Is-Sinjura C. Borg u s-Sur A. Ellul ser jattendu. Il-Kunsill qabel ukoll li jipparteċipa fil-Wirja ta' Standardi li l-ftuħ tagħha ser issir nhar il-Ġimgħa 28 t'Awissu 2009 fis-7.00pm.

*4.7 GRTU – Green Mt*

Il-Kunsill iddeċieda li jiddiskuti r-rapport f'laqgħa oħra tal-Kunsill.

*4.8 Kampanja 'Il-Ktieb Pass il-Bogħod Minnek'*

Is-Sinjura C. Borg u s-Sur A. Ellul attendew għall-attivita` fejn il-Kunsill ġie ppreżentat b'numru ta' kotba, *voucher* ta' €100 għal xiri ta' kotba mingħand Klabb Kotba Maltin u ċekk ta' €466.00 għax-xiri ta' kotba oħra għal-librerija.

*4.9 Festa San Gejtanu*

Il-Kunsill innota li ma kienx hemm problemi waqt il-Festa ta' din is-sena kif ukoll ġie innutat il-koperazzjoni kontinwa mill-Pulizija. Ġie deċiż li tintbagħat ittra ta' rringrazzjament

lill-Assistent Kummisarju Neville Aquilina, lis-Supretendent Raymond D'Anastas u lill-Ispettur Ramon Mercieca.

*4.10 Karnival*

Ġie deċiż li kopja ta' l-ittra li ntbagħtet lill-Kultura tintbagħat oħra lill-Onor. Dr. Chris Said għall-intervent tiegħu.

*4.11 Monument - Ukraine*

Is-Sur A. Ellul nforma lill-Kunsill li ser jiltaqa' mal-Konslu tal-Ukraine biex jara hemmx xi żviluppi rigward il-proposta li jsir monument fil-Ħamrun.

## 5. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn il-24 ta' Lulju u t-20 t' Awissu 2009.

*5.1 Premju Anzjan tas-Sena 2009*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jinnominaw persuna għall-Premju Anzjan tas-Sena 2009. In-nominazzjonijiet iridu jaslu sad-9 ta' Settembru 2009. Ġie ssuġġerit li jiġu nnominati is-Sur Charles Azzopardi u s-Sinjura Maria Dimech. Is-Sur C. Valletta ser jieħu ħsieb in-nomina tas-Sur Azzoppardi filwaqt li s-Sinjura C. Borg ser tiehu hsieb in-nomina tas-Sinjura Dimech.

*5.2 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Kampanja ta' Tindif*

Il-Kunsill iddeċieda li jipparteċipa fil-Kampanija ta' Tindif organizzata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li ser tinvolvi kompetizzjoni.

*5.3 Residenti – Triq Joe Abela Scolaro*

Residenti ta' Triq Joe Abela Scolaro lmentaw li persuni li jixtru mill-ħanut *Maypole Bakery* qed jipparkjaw fuq il-bankina u jagħlqu l-entratura tal-*flats*. Ġie deċiż li l-Gwardjani Lokali jintalbu jissorveljaw il-post.

*5.4 Sinjura Jacquline Borg - Road Markings fi Triq Roger Debattista*

Is-Sinjura Borg talbet sabiex jinżebgħu l-*parking bays* fi Triq Roger Debattista sabiex jiġi regolarizzat il-parkeġġ. Ġie deċiż li ssir talba lill-ADT f'dan ir-rigward.

*5.5 Istitut Kattoliku – Bejgħ ta' CD's*

Il-Kunsill iddeċieda li ma jixtrix kopji tas-CD's 'San Paolo Evangelizza i Maltesi' li qed jinbiegħu għal prezz ta' €12.00.

*5.6 Dipartiment għall-Gvern Lokali - Quiz*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jattendu laqgħa li ser issir nhar it-Tlieta 25 ta' Awissu 2009 fis-2.00pm f'Dar l-Ewropa' biex jiġi diskuss *Quiz* li ser jiġi organizzat mill-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew. Is-Sur A. Ellul ser jattendi l-laqgħa.

*5.7 Sur John Micallef – Emergency Parking Bays*

Is-Sur Micallef talab lill-Kunsill biex jikkunsidra jagħmel *'Emergency Parking Bays'* fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Ġie deċiż li s-Sur Micallef jiġi nfurmat li t-talba tiegħu ma tistax tiġi milqugħa għaliex mhix konfermi mar-regolamenti maħruġa mill-Awtorita` dwar it-Trasport.

*5.8 Dipartiment ghall-Gvern Lokali – Ftuħ ta' Uffiċċjini nhar ta' Sibt*

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsilli Lokali li l-uffiċċini tal-Kunsilli Lokali jridu jibdew jiftħu għall-Pubbliku nhar ta' Sibtijiet bejn it-8.00am u l-11.30am. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-iskrivani tal-Kunsill kienu lesti li jidħlu s-Sibtijiet bħala *overtime*. Il-Kunsill iddeċieda li minħabba raġunijiet ta' sigurta` għandhom jidħlu żewġ skrivani fuq bażi ta' *roster*.

*5.9 Sur Reno Grima – Talba għall-ħadid.*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Reno Grima fejn talab li jitwaħħlu żewġ ħadidiet fil-kantuniera bejn Triq Govanni Barbara u Triq il-Vittorja. Ġie deċiż li s-Sur Grima jiġi nfurmat li lill-Awtorita` dwar it-Trasport mhix tapprova talbiet simili.

*5.10 Dr Philip Agius – Lapida Kommemorattiva*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dr. Agius fejn ssuġġerixxa li titwaħħal Lapida Komemmorattiva fuq il-fond numru 55, Triq il-Lunzjata, Santa Venera biex tfakkar it-Teatru Melita. Ġie deċiż li minħabba li l-fond ikkonċernat jinsab f'Santa Venera u hija propjeta privata , il-Kunsill Lokali Ħamrun ma jistax iwaħħal plakka kommemorattiva.

*5.11 Hydrorocks Cont. Co Ltd – Trenching works*

Il-Kunsill irċieva applikazzjoni mingħand il-Kumpanija Hydrorocks Cont. Co. Ltd għan-nom tal-kumpanija Vodafone biex isiru trinek fi Triq is-Sewwieqa, Triq Joe Abela Scolaro u Triq Karmenu Abela. Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-kuntrattur qabel jinħareġ il-permess.

*5.12 L-Onor. Dr. Chris Said – Żjara fi Ġnien Oreste Chircop*

Il-Kunsill ġie infurmat li nhar it-Tnejn 24 t'Awissu 2009 fil-11.00am., l-Onor Dr. Chris Said ser iżur ix-xogħolijiet fi Ġnien Oreste Chircop li ser jiġu parzjalment finanzjati mill-*Urban Improvement Fund.*

*5.13 L-Onor. Dr. Mario de Marco – "Il-Ġimgħa tal-Bnadar"*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jipparteċipaw f'attivita` organizzata mis-Segretarjat għat-Turiżmu "il-Ġimgħa tal-Bnadar". Il-Kunsilli ntalbu biex bejn it-8 u l-15 ta' Settembru 2009 izommu l-bandiera tperper fuq il-bejt. Il-Kunsill approva li jipparteċipa fl-attivita`.

*5.14 City Security – Cash in Transit*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali terminat il-kuntratt għas-servizz ta' *Cash in Transit* mill-Kumpanija *Group 4* minħabba li l-istess kuntratt skada. Il-Kumpanija *City Security* talbet sabiex jiġu kunsidrati għal dan is-servizz. Ġie deċiż li peress li s-servizz mill-*Group 4* kien sodisfaċenti, il-Kunsill għandu jkompli jikseb is-servizz mill-*Group 4*.

Fis-7.10pm is-Sur J. Abela u l-Viċi Sindku daħlu għal laqgħa.

*5.15 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Fondi Speċjali*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali nieda skema fejn Kunsilli jistgħu japplikaw għall-fondi speċjali biex iwettqu proġetti jew inizjattivi fil-lokalita` tagħhom. Il-Kunsill iddeċieda sabiex japplika għall-fondi speċjali biex jinfetaħ xi xelter fi Triq Atocia.

*5.16 Sur Riccardo Bartolo – Ħlas ta' kontravenzjonijiet bin-nifs*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Riccardo Bartolo fejn talab biex iħallas il-kontravenzjonijiet li nħarġulu fil-Ħamrun għal valur ta' €173.70 fi żmien xahrejn. Sadanitant talab il-permess biex ikun jista' iħallas il-Liċenzja tas-Sewqan. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jikseb permess simili mill-Kunsilli l-oħra involuti.

## 6. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*6.1 Sotto Kumitat 1*

- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bil-proċedura miftehma mal-bank għall-ħlas tax-xogħlijiet relatata mal-proġett tas-suq. Wara li jsir il-kejl u jinħareġ *invoice* mill-Kuntrattur u ċertifikat mill-*Contracts Manager* tal-Kunsill, tintbagħat ittra ffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv lill-bank biex jinħareġ il-pagament. Malli jsir il-ħlas, il-Kunsill jibagħat kopja tal-irċevuti fiskali lill-Bank.

  Sallum saru pagamenti mis-self ta' €257,162.48 lil Schembri Infrastructures Ltd. u €12,719.78 lil Ciantar Associates.

  Il-Kunsill iddeċieda li minħabba l-fatt li kien hemm differenza bejn l-istima tal-proġett u l-kuntratt innifsu, qabel tinħareġ l-offerta għat-tielet fażi tal-proġett, għandu jsir evalwazzjoni tal-valur tal-proġett sħiħ.

- Il-Kunsill iddeċieda li tiġi rranġata parti mill-bankina fi Triq Mile End ħdejn l-Education 22 u fi Triq Pietru Xuereb bejn Triq Turu Lentini u Triq Joe Sciberras. Ġie deċiż ukoll li tiġi estiża parti mill-*culvert* fi Triq Mile End ħdejn l-entratura tal-fabbrika tal-MDP minħabba li t-triq qed iżżomm l-ilma.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fl-aħħar ħarġa tal-fuljett tal-Kunsill il-Bord Editorjali iddeċieda li jneħħi parti mill-artiklu li kiteb is-Sur J. Abela. Huwa spjega li mhux

aċċettabli li Kunsillier jikteb biss negattiv fil-fuljett tal-Kunsill. Huwa talab lis-Sur J. Abela biex jikkoreġi l-kitba tiegħu u jibda jikteb bħal sħabu l-Kunsilliera l-oħra.

Is-Sur J. Abela spjega li ġieli kiteb affarijiet fil-pożittiv bhalma kiteb dwar il-proġett tas-Suq. Is-Sur M. Caruana spjega li kull Kunsillier ikollu dritt jikteb fil-fuljett tal-Kunsill. Is-Sur C. Valletta tenna li ukoll l-Kunsilliera għandhom dritt jiktbu fil-fuljett maħruġ mill-Kunsill. Is-Sur J. Abela qal li fl-aħħar ħarġa tal-fuljett huwa kiteb bħala risposta għall-kummenti tas-Sindku fuq il-fuljett preċidenti. Huwa talab li jingħata kopja tal-minuti tal-laqgħa tal-Bord Editorjali fejn ġie deċiż li jitneħħa parti mill-artiklu tiegħu.

Dr. P. Mifsud Bonnici spjegat li kemm ilha Kunsilliera, dejjem kitbet li riedet u qatt ħadd ma naqsilha xi parti minn xi artiklu. Is-Sur M. Caruana spjega li l-fuljett tal-Kunsill għandu jintuża biss biex il-Kunsill iwassal informazzjoni lir-residenti dwar xogħol il-Kunsill.

Il-Kunsill iddeċieda li l-Bord Editorjali għandu jiddeċiedi bil-quddiem id-data sa meta għandhom jidħlu l-artikli. Wara din id-data ma jiġux aċċetati aktar artikli. F'każ li l-Bord ikollu xi dubju dwar il-kontenut ta' xi artiklu, għandu jibagħat għall-Kunsillier ikkonċernat biex jiddiskuti l-każ. Il-Kunsill qabel unanimament li wara li tiġi segwita din il-proċedura, id-deċiżjoni tal-Bord Editorjali għandu jkun finali. Issa li ttieħdet din id-deċiżjoni, s-Sindku tenna li dan il-każ kien magħluq.

*6.2 Sotto Kumitat 5*

- Il-Kunsill approva li jinġabru kwotazzjonijiet biex issir CD bl-istorja viżiva tal-Ħamrun kif ukoll fuljett bl-istess informazzjoni.
- Il-Kunsill iddeċieda li tinġabar stima biex jiġu invjati l-konok fi Pjazza San Pawl.
- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat qed jaħdem biex tiġi organizzata *Sports Day* fil-Ħamrun bejn l-Għaqdiet u l-Każini.
- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 13 t'Awissu 2009 hu flimkien mas-Sindku u-s-Segretarju Eżekuttiv ltaqgħu ma' uffiċju mill-*Ħamrun Spartans FC Youth Nursery*. In-Nursery talbet sabiex il-Kunsill ikompli jiffinanzja parti mit-trasport tat-tfal li hu stmat li jiswa €1,048.00, it-tazzi u midalji tat-Tony Bajada Memorial Tournament u il-ħlas għar-*refereees* tat-*tournament* li jiswew €600.00.Il-Kunsill approva li jħallas għat-trasport u għat-tazzi u medalji. Sadanitant il-Kunsill ser ikun jista' juża l-*ground* għal 52 darba fis-sena.

*6.3 Sotto Kumitat 9*

Il-Kunsill approva ssuġġerimenti tas-Sotto Kumitat li:

- Sa fejn hu possibbli jintużaw *Recycled Cartridges* għall-*Printer*s tal-Kunsill
- Fuq bażi volontarja, il-minuti tal-Kunsill jibdew jintbagħtu *b'email* minflok stampati
- F'każ li l-Kunsill jixtri vettura, din tkun taħdem bid-dawl.
- Fil-bini ġdid tal-Kunsill jintużaw dawl tat-tip *Energy Saving*
- Jitwaħħlu *stickers* mal-*iswitches* tad-dawl biex id-dawl jintefa wara li persuna toħroġ mill-kamra.

*6.4 Sotto Kumitat 7*

- Is-Sur C. Valletta ssuġġerixxa li l-Kunsill jibda joħroġ ċirkulari lill-istabbilimenti kummerċjali fil-Ħamrun. Ġie deċiż li minflokk tinħareġ ċirkulari, tibda tintuża paġna fil-fuljett tal-Kunsill għal dan l-iskop.
- Is-Sur C. Valletta spjega li kien ser ikellem lill-Onor. Dr. Chris Said dwar l-użu tal-iskejjel fil-Ħamrun għall-parkeġġ fi żmien il-Milied.
- Ġie deċiż li ssir laqgħa tas-Sotto Kumitat dwar *Christmas Shopping Festival* nhar il-Ħamis 27 t'Awissu fis-7.30pm.
- Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li aċċetta s-sottomissjoni tal-Kunsill għall-proġett biex jitwettaq rapport għall-Pjan ta' Żvilupp Sostenibbli. Huwa ppropona ssir laqgħa ta' introduzzjoni mal-esperti biex jinbeda x-xogħol fuq ir-rapport.

*6.5 Sotto Kumitat 2*

- Is-Sur A. Ellul informa lill-Kunsill li attendew żewġ laqgħat organizzati mill-*MUESAC*. Waħda kienet dwar programm *'Life Plus'* fejn ġie spjegat li hemm fondi ta' €2.5 miljun. Il-Kunsill jista' japplika għall-fondi biex jintroduċu sistema fil-bini il-ġdid tal-Kunsill biex l-ilma tax-xita jintuża fis-sistema sanitarja tal-Uffiċju. Is-Seminar l-ieħor kien dwar *'Meusac and Art'* fejn ġie propost li ssir attivita` konġunta bejn il-Kunsilli Lokali u St James Cavalier. Ġie ssuġġerit li ssir attivita` dwar *'Regeneration of Old Railway Station'*. Dan sabiex issir esebizzjoni tal-*Footprint* minn fejn kienet tgħaddi l-ferrovija.

*6.6 Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura C. Borg infurmat lill-Kunsill li l-*Harbour Cruise* kif ukoll il-Ħarġa ta' Santa Marija kienu suċċess.
- Is-Sinjura C. Borg infurmat lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat ser jorganizza *Buffett Breakfast* fit-2 ta' Settembru 2009 fis-*Selmun Palace Hotel*.
- Is-Sinjura C. Borg infurmat lill-Kunsill li ntbgħatu avviżi lir-residenti biex ikun jafu li d-Diviżjoni tal-Edukazzjoni ser jorganizza kors bażiku għall-Adulti fil-Malti, Ingliż, Matematika u Xjenza.

## 7. Chocolate Festival

Il-Kunsill iddeċieda li nhar it-Tnejn 24 t'Awissu 2009 fil-5.30pm issir laqgħa dwar l-organizazzjoni taċ-*Chocolate Festival*.

## 8 Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti

*8.1 Traffic Mirror*

Dr. P. Mifsud Bonnici ssuġġerit li l-Kunsill iwaħħal *Traffic Mirror* fi Triq Eldorado kantuniera ma' Triq Brighella sabiex jiġu evitati inċidenti tat-traffiku. Il-Kunsill iddeċieda li ssir talba lid-Direttorat għall-Maniġġ tat-Traffiku.

*8.2 ATM fi Triq Schembri*

Dr. P. Mifsud infurmat lill-Kunsill li ġiet avviċinata minn uffiċjali tal-Ħamrun Spartans fejn staqsew għaliex m'hemmx *'Keep Clear Bay'* quddiem l-ATM fi Triq Schembri. Is-Sur A. Ellul informa lill-Kunsill li mhix *policy* tal-bank li jitlob biex jkun hemm *'Keep Clear Bay'* quddiem ATM's. Ġie deċiż li l-Ħamrun Spartans jiġu nfurmati f'dan ir-rigward.

**9. <u>Schedule of payments</u>**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sal-20 t ' Awissu 2009 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-lista tal-kontjiet.

**10. <u>Aġġornament</u>**

Il-laqgħa spiċċat fid-9.10pm.

______________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
DATA